QORMI

**KUNSILL LOKALI QORMI** **IL-ĦAMES KUNSILL**

**MINUTI SEDUTA NRU. 47** **IT-TLIETA 22 TA' FRAR 2011**

Il-Kunsill Lokali Itaqa' nhar it-Tlieta 22 ta' Frar 2011 fis-7.00 ta' fil-għaxija fl-Uffiċċji Amministrattivi tal-Kunsill.

**PREŻENTI (Għaxar Kunsilliera)**

Is-Sindku Jesmond Aquilina, il-Viċi Sindku Kenneth Busuttil, il-Kunsilliera Dennis Zammit, Angelo Briffa, Thomas Harmsworth, Margaret Mercieca, Bjorn Azzopardi (7:05pm), Jeffrey Camilleri (7:12pm), Ralph Puli (7:14pm) u Jason Busuttil (7:16pm).

Il-Kunsillier Simon Vella Gregory informa li ma setax jattendi minħabba xogħol.

Membri tal-Kunsill taż-Żgħażagħ attendew din il-laqgħa.

**TALBA**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** qal it-talba.

**47/01 MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 46**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tas-Seduta Nru. 46 li nżammet nhar it-Tlieta 08 ta' Frar 2011, minuti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

**Il-Kunsilliera Margaret Mercieca** ssekondat il-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur is-sitt Kunsilliera (6) preżenti**. Ħadd ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**Il-Minuti tas-Seduta numru 46 ġew approvati unanimament u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.**

**47/02** **Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** daħal għas-seduta fis-7.05 ta' fil-għaxija.

**47/03** **MOZZJONI NRU 117-2011(V) – MONUMENT GĦAT-TABIB GEORGE HYZLER**

**Il-Kunsilliera Margaret Mercieca** ressqet il-Mozzjoni 117/2011 f'isem il-Kunsillier Ralph Puli.

"Minħabba li l-Kunsill Lokali Qormi jirrikonoxxi l-ħajja ta' servizz li t-Tabib George Hyzler MD ta lil Malta u lil Ħal Qormi fid-diversi karigi li okkupa matul diversi snin, qiegħed nipproponi li dan ir-rikonoxximent jieħu fost l-oħrajn il-forma ta' monument li jiġi mqiegħed bi prominenza f'post pubbliku f'Ħal Qormi biex tibqa' tiġi mfakkra l-memorja tiegħu matul is-snin.

Għalhekk qiegħed nipproponi wkoll li b'mod immedjat isiru l-preparamenti meħtieġa biex isiru d-disinji, jintgħażel il-post, joħorġu t-tenders neċessarji u jibda x-xogħol fuq dan il-mafkar."

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ssekonda l-mozzjoni.

Kien maqbul unanimament li dan il-monument ikun fil-forma ta' bust u li l-Kunsill jikkummissjona lill-artist Stephen Borg sabiex iħejji abbozz tal-bust tat-tabib George Hyzler, kif ukoll li dan il-monument eventwalment jitwaqqaf fi Triq il-Vitorja f'post qrib il-Health Centre.

**Ivvutaw Favur is-seba' Kunsilliera (7) preżenti**. Ħadd ma vvota kontra u ma' kien hemm l-ebda Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-mozzjoni 117/2010 dwar it-twaqqif ta' Monument għat-Tabib George Hyzler.

**47/04** **MOZZJONI NRU 118-2011(V) – SFILATA TAL-KARNIVAL**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq il-Mozzjoni 118/2011 dwar l-isfilata tal-Karnival f'Ħal Qormi f'isem il-Kunsillier Jason Busuttil.

"Nipproponi li l-Kunsill japprova n-nefqa ta' madwar Euro €2,330 sabiex tiġi organizzata sfilata tal-Karnival fi Triq San Bastjan, nhar il-Ġimgħa 4 ta' Marzu 2011."

**Il-Kunsilliera Margaret Mercieca u Thomas Harmsworth** issekondaw il-mozzjoni.

**Il-Sindku** ta informazzjoni dwar l-isfilata tal-Karnival f'Ħal Qormi bil-parteċipazzjoni tat-tliet baned, kif ukoll ta numru ta' maskeruni u żeffiena.

**Ivvutaw Favur is-seba' Kunsilliera (7) preżenti**. Ħadd ma vvota

kontra u ma' kien hemm l-ebda Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-mozzjoni 118/2010.

47/05 **Il-Kunsillier Jeffrey Camilleri** (7:12pm), **Ralph Puli** (7:14pm) **u Jason Busuttil** (7:16pm) daħlu għas-seduta.

## 47/06 RAPPORT DWAR IS-SEJĦA GĦALL-OFFFERTI GĦALL-KIRI TA' KIOSK FI ĠNIEN DE LA CRUZ

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq u qara r-rapport tal-Bord dwar l-offerti mitfugħa għall-Kiri tal-Kiosk, liema rapport kien iċċirkulat lill-Kunsilliera. **DOK 'A'**

**Is-Sindku** ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill ir-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Għażla li, b'referenza għall-kundizzjonijiet ġenerali għall-kiri tal-kiosk, kien qed jirrikmanda li l-Kunsill jaċċetta l-offerta tas-Sur Clint Debono f'isem il-Qormi Football Club, fejn hu propost li din il-gabbana se tintuża għall-għan tal-organizzazzjoni tan-Nursery tal-Football.

**Il-Kunsillier Angelo Briffa** ssekonda.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-offerta tas-sur Clint Debono f'isem il-Qormi Football Club, għall-Kiri tal-Kiosk, u ħeġġeġ sabiex il-Kiosk jerġa' jibda jintuża.

**Il-Kunsill approva unanimament** dan ir-rapport u r-rakkomandazzjoni.

## 47/07 TWAQQIF TAL-BORDIJIET TAL-GĦAŻLA GĦAT-TENDERS

**Is-Sindku** ppropona l-għażla tal-Membri tal-Bordijiet ta' l-Għażla, għat-Tenders li l-Kunsill fis-Seduta nru. 45 ta' nhar it-Tlieta 18 ta' Jannar 2011qabel li jinħarġu billi dawn jagħlqu f'April u li nħarġu fit-28 ta' Jannar 2011. (Dan il-qbil ma kienx irrekordjat, bi żvista, fil-minuti tas-seduta nru. 45). Din is-sejħa tagħlaq nhar it-Tnejn 28 ta' Frar 2011, fl-10:00 ta' filgħodu. Il-proposta tas-Sindku kienet kif ġej, għal:

1. *Service of Architect and Contract Manager for the upkeep and maintenance of roads and pavements*
2. *Legal Consultant*
3. *Provision of Insurance Covers,*

lill-Viċi Sindku Kenneth Busuttil, flimkien mal-Kunsilliera Dennis Zammit u Angelo Briffa u s-Sindku bħala membri ta' dan il-Bord.

U għat-tender *Cleaning and Clearing of surfaced urban sites and non-urban roads*

lill-Viċi Sindku Kenneth Busuttil, lill-Kunsilliera Thomas Harmsworth u Ralph Puli flimkien mas-Sindku.

**Il-Kunsill approva unanimament** dawn il-membri fuq iż-żewġ Bordijiet tal-Għażla, li għandhom jiltaqgħu matul il-ġimgħa wara l-ftuħ tat-tenders.

## 47/08 MALTA STANDARDS AUTHORITY – PUBLIC PLAYGROUNDS

**Is-Sindku** ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill id-dokument imħejji mill-*Malta Standards Authority* dwar ir-regolamenti tal-*Public Playgrounds*, *Requirements for Public Playgrounds Safety and Their Management,* dokument li kien iċċirkulat lill-Kunsilliera. **DOK 'B'**

Kien enfasizzat l-iskop ta' dan l-iStandard Nazzjonali kif speċifikat fl-artiklu nru.1, li huwa sabiex:
*a) To provide information when designing/planning new playgrounds, in particular issues regarding accessibility;*
*b) To provide the necessary technical information to be included when submitting tenders for playground equipment;*
*c) To provide guidelines for the regular maintenance and responsibilities for the upkeep of playgrounds;*
*d) To outline routine and annual inspection procedures.*
*Its aim is to provide general guidelines for the design and proper management of a playground, for the satisfaction of those using the facilities and thereby ensuring that these sites are safe.*

Fost dawn ir-regolamenti hemm stabbilit li l-Kunsill għandu jagħżel persuna responsabbli u għal dan il-għan, is-Sindku ppropona lil Victor Camilleri u Frankie Agius bħala l-persuni responsabbli għall-*management, maintenance, inspections, and other requirements stipulated in this standard*, kif indikat f'artiklu 3.9. Il-Kunsill unanimament qabel ma' din il-proposta, kif ukoll sabiex ta' dan ix-xogħol jingħataw ukoll kumpens xieraq.

Il-Kunsill kien infurmat li wara li se jsiru l-ispezzjonijiet mill-istess Awtorita' il-Kunsill se jingħata r-rakkomandazzjonijiet dwar kull spezzjoni ta' *Public Playground* u se tkun responsabbilta' tal-Kunsill li jagħmel ix-xogħol ta' manutenzjoni kif rikjest.

## 47/09 KORRISPONDENZA DWAR IL-GABBANI FIL-FESTA

**Is-Sindku** reġa' ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill it-talba mressqa mill-Kappillan, fis-Seduta nru.43 tat-Tlieta 9 ta' Novembru 2010, sabiex "il-Kunsill jibda l-proċess biex dawn il-gabbani jiġu allokati f'postijiet oħra mhux madwar il-Knisja" matul il-ġranet tal-festa. **DOK 'C1-8'.**

Fl-ittra l-Kappillan indika wkoll li "l-gabbani li nixtiequ li jitneħħu huma dawk indikati fi pjanta numru 2, jiġifieri min-numru 77 sa 109 (li huma 31 post), minn 18 sa 24 (li huma 7 postijiet), u minn 69 sa 75 (li huma 7 postijiet)." Il-Kappillan ressaq suġġeriment "li dan jitpoġġew fil-kaxex 25 sa 29, u 68 sa 64, (total ta' 10 postijiet) u l-bqija ikomplu fi Vjal de la Cruz (35 post ieħor)".

Il-Kunsill innota li din l-proposta, sabiex il-gabbani jiġu mċaqalqa għal żona ġdida, u rrefera għall-artiklu 8 ta' l-Avviż Legali 119 ta' 2002, dwar din il-materja, li jistipula li "Kemm-il darba Kunsill Lokali jkun se jidentifika żona ġdida, il-Kunsill Lokali għandu jara li dik iż-żona **ma tkunx imbegħda jew maqtugħa** miċ-ċirkolazzjoni tal-pubbliku li jattendi għal dik l-attivita'" u għalhekk minħabba dan kollu, kien propost li t-talba mressqa sabiex il-45 posta -jiġifieri min-numru 77 sa 109 (li huma 31 post), minn 18 sa 24 (li huma 7 postijiet), u minn 69 sa 75 (li huma 7 postijiet) - jitneħħew ma tkunx milqugħa.

Kien għalhekk propost li jkunu biss il-posti numru 77, 78, 108 u 109 li għandhom jitħallew vojta u ma jkunux allokati (flimkien ma' numru 79 u 82, li minn dejjem tħallew vojta għaliex jinsabu quddiem id-daħliet taz-zuntier) u jintużaw biss l-posti l-oħra kollha għall-gabbani matul il-ġimgħa tal-festa. Il-gabbani madwar il-knisja jkunu allokati f'posti 80, 81,83 sa 107 total ta' 27 posta.

Il-Kunsill unanimament qabel ma' din il-proposta, li permezz tagħha għandu jkun hemm dehra aħjar faċċata tal-Knisja matul il-festa.

**47/08** **SKEMA AWTORITA' TAD-DJAR – MANUTENZJONI FIL-BINJIET TAL-GVERN**

**Is-Sindku** ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill il-programm ta' manutenzjoni tal-partijiet komuni fil-binjiet residenzjali tal-Gvern li l-Awtorita' tad-Djar, bi ftehim mal-Kunsilli Lokali, qed tniehdi. Dan il-programm huwa mifrux fuq 6 snin u hemm baġit annwali ta' €1,000,000. Kull sena l-Awtorita' qed tippjana li tieħu ħsieb il-manutenzjoni ta' madwar 200 binja, flimkien mal-Kunsilli Lokali. L-għan ewlieni ta' dan il-programm huwa biex flimkien inkomplu nsaħħu u nsebbħu l-ambjent fejn jgħixu l-familji tagħna, t-tfal u l-anzjani sabiex niżgurawlhom ambjent iktar sigur u nadif. Matul dan il-programm l-Awtorita' se tkun f'kuntatt mal-Kunsilli u r-residenti biex tilqa' u tisma' kull ilment u suġġeriment li jista' jkun hemm sabiex il-programm jinżamm ħaj biex jindirizza aħjar il-ħtiġijiet tar-residenti. **DOK 'D1-6'**

**Is-Sindku** nforma li l-ammont totali ta' binjiet f'Ħal Qormi kien ta' 36, u l-ftehim jaħseb sabiex 10 binjiet isiru kull sena għas-snin 2011, 2012 u 2013 u 6 fl-2014, b'total ta' Euro 180,000 tul dawn is-snin.

Kull Kunsill Lokali li għandu binjiet tal-Gvern fil-lokalita' tiegħu mistenni jibbenefika mill-fondi allokati għal din l-iskema, liema fondi ser ikunu

mqassma skont il-programm ta' manutenzjoni li ppreparat l-Awtorita' skont dawn il-kriterji:
a. L-ammont ta' binjiet li jinsabu fil-lokalita';
b. Il-kundizzjoni tagħhom;
C. Id-diversi talbiet għal manutenzjoni li saru lill-Awtorita' matul is-snin;
d. Kemm ilhom li nbnew dawn il-binjiet.

L-iskema se titħaddem billi l-Kunsilli Lokali jridu jwasslu il-proposti bil-miktub lill-Awtorita' fi żmien (2) xahrejn fejn kull proposta jrid ikun fiha d-dettalji kollha magħmulha minn perit fuq liema binjiet ser isir ix-xogħol u min ser jibbenifika, ix-xogħlijiet li hemm bżonn isiru, x'permessi hemm bżonn, l-istimi meħtieġa, lista ta' residenti li huma sidien u dawk li huma bil-kera u ż-żmien sabiex ix-xogħol jitlesta. Ta' min jenfażizza li din l-iskema tapplika biss għal xogħlijiet fil-partijiet tal-komun tal-binjiet residenzjali tal-Gvern u tal-Awtorita' skont il-lista annessa.

**Il-Kunsill unanimament** qabel li l-Perit tal-Kunsill William Lewis jingħata l-inkariku sabiex jibda x-xogħol ta' preparazzjoni kif mitlub mill-Awtorita' tad-Djar, skont ir-rati fit-tender.

**47/09 KORRISPONDENZA**

a) Ħlas Membri ta' l-ECAD
b) Adrian Psaila – re Triq il-Vitorja, u Risposta Perit – re Adrian Psaila
c) Il-Lokalita' tiegħek fuq programm televiżiv
d) ENESCOM project – Covenant of Mayors
e) Sensiela ta 13-il programm fit-TVM u Education 22

**DOK 'E 1-5'**

**1. Ħlas Membri ta' l-ECAD.**
Il-Kunsill kien imħeġġeġ sabiex iħallas il-membership fee fl-ECAD ta' €200, għas-sena 2011. Il-Kunsill qabel li jsir dan il-ħlas.

**2. Adrian Psaila – re Triq il-Vitorja, u Risposta Perit – re Adrian Psaila**
Il-Kunsill ra l-korrispondenza tas-sur Psaila li qed jallega xogħol ħażin mill-Kunsill fi Triq il-Vitorja minħabba li qed jidħol ilma ġol garaxxijiet 33 u 34 ġo drive lower basement biswit il-poliklinika. Il-Kunsill kien imfakkar li qabel ma sar ix-xogħol fuq Triq il-Vitorja, l-istess basement tal-Health Centre kien jidħol ħafna ilmijiet mill-ħitan tant li kienet tissejjaħ l-għajnuna tal-protezzjoni ċivili.

Il-Kunsill għalhekk qabel li s-sur Psaila għandu jintalab jistabilixxi li l-ilma huwa dieħel minħabba xogħol ħażin fil-bini tat-triq.

**3. Il-Lokalita' tiegħek fuq programm televiżiv**
Il-Kunsill laqa' it-talba tal-kumpanija Basement Productions, li se jipproduċi sensiela ta' programmi għat-televiżjoni bl-isem "Il-Ħadd it-Tajjeb" u li se jittella' minn lokalitajiet differenti madwar Malta u

Għawdex bil-prijorita' tal-programm se tkun li titfa' dawl fuq l-attivitajiet li jwettaq il-Kunsill Lokali fil-lokalita'. Il-Kunsill qabel li jieħu sehem f'dan il-programm u li joffri l-appoġġ kollu meħtieġ u jipprovdi *sponsorship* ta' €800.

**4. ENESCOM project – Covenant of Mayors**

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li nhar l-Erbgħa 24 ta' Frar kien ser jiltaqa' ma' Ms. Maurine Azzopardi EU Officer tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali sabiex ikun diskuss l-involviment tal-Kunsill fl-involviment tal-proġett ENESCOM u d-Dħul fil-Covenant of Mayors.

**5. Sensiela ta 13-il programm fit-TVM u Education 22**

Il-Kunsill laqa' it-talba ta' TVM u Education 22 li se jxandru sensiela ta' 13-il programm ta' nofsiegħa 'l wieħed fejn se jiġu ppubbliċizzat ix-xogħol li qiegħed isir mill-Kunsilli Lokali. Il-Kunsill qabel li jieħu sehem f'dan il-programm u li joffri l-appoġġ kollu meħtieġ u jipprovdi ħlas ta' €951. L-Interess tal-Kunsill se jkun mgħoddi lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

**47/10 MEMOS**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill dawn il-Memos, li kienu ċċirkulati skont l-istruzzjonijiet tad-Dipartiment.

**DOK 'F1-6'**

Memo 5 - Direttur Ġdid għall-Gvern Lokali
Memo 6 - Struzzjonijiet dwar l-Attivitajiet Parzjalment Finanzjati mill-Iskema dwar Inizjattivi ta' Attivitajiet (Memo 95/2010)
Memo 7 -Revizjoni fl-Onorarja
Memo 8 - Emenda għal Memo 122/2010 Ikliet/Riċevimenti Organizzati mill-Kunsilli Lokali
Memo 9 - Għajnuna lill-Kunsilli Lokali li Għandhom ir-Responsabbilta' ta' Librerija Lokali
Memo 11- Użu tas-Sistema tal-'Customer Care'

**47/11 ĦWEJJEĠ OĦRA**

**Is-Sindku** nforma lill-Kunsill li l-Konvenju għax-xiri tal-garaxx mal-Kunsill reġa' ġġedded il-bieraħ it-Tnejn, għal xahar ieħor. Hu ttamat li sa dak inhar ikun sar il-kuntratt tax-xiri.

**Il-Kunsillier Jason Busuttil** ta dettalji dwar il-Karnival li sejjer jinżamm fi Triq San Sebastjan nhar il-Ġimgħa 4 ta' Marzu bil-parteċipazzjoni tat-tliet baned ta' Ħal Qormi. Huwa nforma li d-dawl ser ikun armat kif maqbul mill-Għaqda Armas għall-ħlas ta' €400. li huwa parti mill-ispiża vvutata fil-mozzjoni dwar l-isfilata tal-Karnival. Qed jitqassam ukoll il-poster ta' din l-attivita' li mistennija tkun suċċess dejjem jekk it-temp jippermetti.

**Il-Kunsillier Dennis Zammit** irraporta li grupp ġdid ta' żgħażagħ qed

iħejju l-proġett ġdid tagħhom għal din is-sena skont ir-regolamenti tal-Kunsill taż-Żgħażagħ. Bħalissa qed jorganizzaw serata Letterarja għal nhar it-18 ta' Marzu fejn se jkun hemm qari ta' poeżiji miktuba minnhom stess, flimkien ma' tpinġija u daqq. Awtur stabbilit se jkun mistieden jitkellem dwar l-arti, kif ukoll se tindaqq diska li Giovann Attarrd se jkun ikkompona l-mużika tagħha. Dan kollu se jinżamm fis-Sala tal-Kunsill.

**Is-Sindku** nforma li se jinbeda x-xogħol fuq l-isqaqien ta' Triq 23 ta' April u ta' Triq Pinto malli l-Korporazzjoni tas-Servizzi ta' l-Ilma jgħaddu s-servizzi meħtieġa.

**Is-Sindku** nforma wkoll li x-xogħol ta' restawr fuq l-istatwa ta' San Ġorġ kien tlesta u kulħadd jista' jammira s-sbuħija ta' din l-istatwa. Kif d-Dipartiment japprova sejjer jinbeda x-xogħol fuq l-istatwa ta' San Sebastjan.

**Is-Sindku** nforma li l-Kunsill kien ressaq it-talba għall-fondi mill-*Urban Improvemet Fund* għall-tisbiħ ta' Triq Dun Gwakkin Schembri.

**47/12 AĠĠORNAMENT**

Kien maqbul li l-laqgħa li jmiss tinżamm nhar it-Tlieta 15 ta' Marzu 2011 fis-7:00 ta' fil-għaxija.

Il-laqgħa ntemmet fid-8:30 ta' fil-għaxija.

| | |
|---|---|
| Jesmond Aquilina | John Farrugia |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

Minuti approvati llum ....................... ......... ta' ...................... 2011.
(Jum) (Data) (Xahar)